MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-18 ta' Frar, 2008

Numru. 274/2002

PULIZIJA
SPETTUR NORBERT CIAPPARA
VS
MARIO ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mario Zammit, ta' 28 sena, imwieled Pieta' fl-14 ta' Settembru 1974, bin Carmenu u Mikelina nee' Borg, u residenti 160, Main Street, Zabbar, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 421574(M);
U akkuzat talli fid-9 t'April 2005, gewwa Haz Zabbar, ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija, volontarjament hassar, ghamel jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fil-vettura tal-Pulizija bin-numru GVP 155 u GVP 229, liema hsara teccedi l-hames mitt Lira Maltin (Lm500), u dan ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment tas-socjeta' Mexico Garage Co Ltd, ta' Zimelli Street, Marsa, billi kkaguna hsara volontarja fuq vettura Peugeot 106, bin-numru tar-registrazzjoni CAK 443, liema hsara teccedi l-hames mitt Lira Maltin (Lm500).

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment tas-socjeta' John's Garage Ltd, ta' Villambrosa Street, Hamrun, liema hsara teccedi l-hames mitt Lira Maltin (Lm500), fuq vettura tal-marka Peugeot partner, bin-numru tar-registrazzjoni STV 003.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma jitqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta' PS 1086 J.Micallef, PC 559 C.Mangion, WPC 86 D.Bonnici, PC 1183 O.Borg, PC 573 P. Camilleri, PC 232 M.Zammit, PC 553 R.Pace, WPS 45 M.Bartolo, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti, bi ksur ta' l-Artikolu 96 u 97(a) tal-Kodici Kriminali.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura BAP 814 tal-marka Tavria, bi speed eccessiv, manjiera perikoluza, negligenti u traskurata u bla kont, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 15(1)(a)(2) u 18(2) tal-Kap 65.

U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, saq l-istess vettura b'giri aktar milli messu, bi ksur ta' MVR 127.

Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex wara li tinstab htija, Mario Zammit ikun skwalifikat minn kull licenzja tas-sewqan.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, Pulizija fil-qadi ta'

dmirijietu, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli kiser il-kundizzjoni moghtija lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel, fil-31 ta' Jannar 2002.

Illi l-imsemmi Mario Zammit sar recidiv ai termini ta' l-Artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, fit-22 ta' Frar 1998, fil-31 ta' Lulju 1998 u fis-16 t'Ottubru 1995.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal ta' l-24 ta' Gunju 2005 (ara fol 137) fejn l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

L-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Norbert Ciappara xehed illi fid-9 t'April 2002, huwa kien ta' struzzjonijiet lil PS 1086 u WPS 45, sabiex jaghmlu osservazzjonijiet fuq ir-residenza ta' certu Brian Vella, minn Haz Zabbar, peress li kien indikat li kien qed isir xi traffikar ta' droga, u nghataw ordni wkoll biex iwaqqfu kull persuna li taghmel kuntatt mieghu u ssir tfittxija fuq il-persuna.

Illi fis-sebgha ta’ filghaxija, infatti, il-Pulizija kienu waqqfu lill-imputat Mario Zammit, u kif dan twaqqaf mill-Pulizija, huwa saq minn bejn il-karozza tal-Pulizija, ikkaguna hsara fuq l-ewwel karozza tal-marka Alfa tal-Mobile Squad, laqat karozza pajzana ohra, u baqa’ jolqot diversi karozzi ohra tal-Pulizija, fosthom Peugeot CAK 443 tas-socjeta’ Mexico Garage, li tintuza’ mill-Pulizija; Peugeot iehor STV 003 tas-socjeta’ John’s Garage, misjuqa minn certu Joseph Buttigieg; kif ukoll zewg vetturi ohra tal-Pulizija Alfa Romeo GVP 155, u ohra tal-marka Sierra GVP 229.

Il-Pulizija kellhom suspett ukoll illi Mario Zammit kien seta’ ngesta xi haga, u ghaldaqstant, ittiehed l-Isptar San Luqa sabiex isirlu X-ray pero’ r-rizultati kienu fin-negattiv. Spettur Ciappara esebixxa dokument NC, certifikat ta’ l-imputat dwar il-griehi hfief li sofra f’dan l-incident.

Ghalkemm l-imputat qal verbalment lill-Ufficjal Prosekutur illi l-pedala tal-gass kienet wahlitlu, u ghaldaqstant, kien tilef il-kontroll tal-karozza, meta wasal biex jaghmel l-istqarrija, huwa kien ghazel li ma jwiegeb ghal l-ebda domanda li saritlu u ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija. Din l-istqarrija giet esebita u mmarkata bhala dokument NC1 u tinstab a fol 23 et seq. L-Ufficjal Prosekutur esebixxa dokument NC2, a fol 26 u 27, ‘survey report’ tal-hsarat tal-vetturi GVP 229 u Sierra EAQ 769, liema hsarat kienu jammontaw ghal mitejn u tnejn u tletin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm232.20) u tlett mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm375) rispettivament.

Joseph Buttigieg, a fol 28, jaghti d-dinamika ta’ l-incident, kif iz-zewg karozzi tal-Pulizija kienu qeghdin mexjin wahda wara l-ohra, kif wahda mill-karozzi tal-Pulizija qabzu lill-Lada Samara, kif is-sewwieq tal-Lada rrezista, irriversja lura, laqat lill-Alfa, imbaghad saq ‘l quddiem u laqat lill-istess Buttigieg jew il-karozza tal-Pulizija ta’ lewn blu, imbaghad dahal fih. Joseph Buttigieg ikkonferma illi l-vettura tieghu STV 003, kienet mikrija minghand John’s Garage, u qeghda f’isem STV Electronics.

PS 1086 Johan Micallef ikkonferma illi huwa kien gie moghti struzzjonijiet mill-Ispettur Norbert Ciappara sabiex

jaghmlu osservazzjoni fuq certu Brian, maghruf tal-Grazzja, gewwa Haz Zabbar, u jinghataw struzzjonijiet sabiex iwaqqfu kull persuna li jaghmel kuntatt mieghu. Malli sar dan il-kuntatt, l-ufficjal tal-Pulizija, precizament WPS 45 intercettaw din il-karozza, f’Labour Avenue. PS Micallef ikkonferma illi s-sewwieq ta’ din il-karozza ma waqafx u prova jghaddi minn quddiemu, waqt li PS Micallef prova jaghlaqlu t-triq, u spicca biex baqa’ diehel fuqu u dahal ukoll fi Sierra li fiha kien hemm WPS 45. Il-Pulizija, minn hemmhekk, arrestaw lill-imputat, li gie identifikat bhala Mario Zammit, l-imputat li kien prezenti fl-awla.

Gaetano Farrugia, a fol 35, Direttur tal-kumpanija John’s Garage Limited, ikkonferma illi l-vettura STV 003, hija taghhom, pero’ hija ‘leased’ lill-kumpanija STV Limited. Il-hsarat fuq din il-vettura jammontaw ghal hames mija u erba’ u hamsin Lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm554.16), kif jidher mill-istima dokument NG a fol 37.

PS 343 George Sciberras ipprezenta dokument GS1 u GS2, zewg stimi tal-hsarat tal-vetturi tal-Pulizija, cioe’ Sierra bin-numru tar-registrazzjoni GVP 155, liema hsarat jammontaw ghal mitejn u tnax-il Lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm212.20); u dokument GS2, hsarat fuq il-karozza Alfa bin-numru tar-registrazzjoni GVP 229, f’ammont ta’ mitejn u hamsa u tmenin Lira Maltin (Lm285).

WPS 45 Marisa Bartolo kkonfermat li hija kienet xoghol fid-9 t’April fuq osservazzjoni ta’ certu Brian Vella, bil-laqam tal-Grazzja, Haz Zabbar. WPS Bartolo kkonfermat illi wara li kien ghamel kuntatt persuna ma’ dan Brian Vella, il-karozzi tal-Pulizija ccirkondawh, il-Pulizija identifikaw irwiehhom u tawh ordni biex jieqaf, izda l-imputat tkellem hazin, kif jidher a fol 43, u baqa’ diehel fil-karozza tal-Pulizija, laqat vann Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni STV 003, laqat il-Peugeot tal-Pulizija misjuqa minn PS 1086, imbaghad laqat il-karozza illi fiha kienet qeghda WPS 45. Hemmhekk, gie arrestat l-imputat, illi gie identifikat bhala Mario Zammit, l-imputat prezenti fl-awla.

PC 1183 Oliver Borg, a fol 54, ikkonferma li kien xoghol ma’ WPS 45, PS 1086, WPC 86, PC 553 u PC 559, fuq osservazzjoni tal-movimenti ta’ Brian Vella, minhabba suspetti ta’ traffikar ta’ droga. Hemmhekk kienu nnutaw lill-imputat Mario Zammit jaghmel kuntatt fir-residenza ta’ Brian Vella u kellhom struzzjonijiet biex jintercettawh. Hekk sar f’Labour Avenue, izda l-imputat baqa’ diehel fil-karozza tal-Pulizija, bi sforz biex jahrab u anke dahal f’karozzi ta’ nies pajzana.

PC 599, a fol 57 et seq, ikkonferma x-xhieda tal-Pulizija, l-osservazzjonijiet li kienu qed jaghmlu fuq id-dar ta’ Brian Vella, il-kuntatt li ghamel l-imputat Mario Zammit fid-dar ta’ Brian Vella, kif intercettawh u kif hu baqa’ diehel fil-karozzi tal-Pulizija minkejja li l-istess Pulizija kienu tawh ordni biex jieqaf. PC 599 xehed illi l-imputat irrezista l-arrest, u beda joffendi lill-Pulizija, u li ra lil WPS 45 televa xi siringi minn gol-karozza ta’ l-imputat.

PC 573 Paul Camilleri, a fol 60 et seq, ikkonferma d-dinamika ta’ l-incident skond ix-xhieda precedenti ta’ l-ufficjali tal-Pulizija prezenti.

PC 553, a fol 62, rega’ kkonferma x-xhieda tieghu.

PS 132 Joseph Camilleri, ipprezenta rapport u ‘sketch’ tal-habta, li tinstab annessa fl-atti bhala dokument PS1 u PS2, a fol 69 u 70.

Spettur Norbert Ciappara, a fol 71, esebixxa sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 16 t’Ottubru 1995, dokument NC3; sentenza ohra tal-Qorti ta’ l-Appell tal-31 ta’ Lulju 1998, esebita bhala dokument NC4; u sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, deciza fil-15 t’Ottubru 1997, esebita bhala dokument NC5; sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati ta’ l-10 ta’ Marzu 1998, esebita bhala dokument NC6; u sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, tal-31 ta’ Jannar 2002, dokument NC7. Dawn kollha huma fil-konfront ta’ l-imputat Mario Zammit.

PS 171 Karl Glanville esebixxa ritratti dokument KG1-11 (ara fol 94).

Brian Farrugia, a fol 95, ghan-nom tad-Direttur tat-Traffiku, ikkonferma illi l-vettura tal-marka Tavria, bin-numru tar-registrazzjoni BAB 814, hija propjeta' ta' Mario Zammit, ID 421574(M) minn Haz Zabbar. Ta wkoll lista tal-vetturi l-ohra li kienu nvoluti f'dan l-incident, kif jidher minn fol 95 u 96.

Louis Pace, a fol 103, Direttur tas-socjeta' Mexico Garage, ikkonferma illi l-vettura CAK 443 tal-marka Peugeot, hija propjeta' tieghu. ikkonferma illi gie mgharraf b'dan l-incident, u l-hsara fuq din il-karozza kienet bejn elf u erba' mitt Lira Maltin (Lm1400) u elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1500). Fit-tieni xhieda tieghu, a fol 106, **esebixxa stima ta' elf, mitejn u erbatax-il Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1214.21), li bil-VAT tammonta ghal elf tliet mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm1326.60).**

PC 232 Mark Zammit Lewis, stazzjonat mac-CID izda addett mal-Mobile Unit, ikkorrabora x-xhieda ta' l-ufficjali tal-Pulizija illi kienu prezenti fid-data ndikata fic-citazzjoni, u gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kienet qed issuq il-karozza li ghamlet il-hsara fil-karozzi tal-Pulizija u anke tal-pajzana.

Dr Saliba, Psikjatra, xehed fis-27 ta' Gunju 2007, u kkonferma illi Mario Zammit kien ilu taht il-kura tieghu fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, ghal diversi snin, u li minn Frar 2007, huwa kien intbaghat programm permezz tal-PSAV biex jattendi programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga, f'SATU. Ikkonferma illi kellu problema kbira ta' droga, u l-stat mentali tieghu kien prezentement, stabbli, u li l-'urine tests' kienu tajbin, il-progress tieghu kien sodisfacenti u li filfatt kien sar Unit Leader.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Fil-15 ta' Novembru 2007, l-imputat iddikjara li huwa kien lest li jhallas is-somma ta' hames mija u erba' u hamsin Lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm554.16), mitejn u tnax-il Lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm212.20), mitejn u

hamsa u tmenin Lira Maltin (Lm285.00), u elf, tliet mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm1326.60).

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-verbal tad-19 ta’ Novembru 2002 (vide fol 102), fejn id-Difiza ezentat lill-Ufficjal Prosekutur milli jipproduci x-xhieda ta’ l-identita’ tas-sentenzi esebiti, liema sentenzi gew accettati mill-imputat bhala gudikat fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi f’dan il-kaz huma provi lampanti, li juru li l-imputat, hekk kif induna li dahal fi trappola in segwitu tal-kuntatt li ghamel ma’ Brian Vella, u meta sab ruhu ccirkondat minn vetturi tal-Pulizija, li tawh ordni li jieqaf, **ghamel hiltu sabiex jahrab minn fuq il-post**.

Fi sforz iddisprat biex jehles mill-Pulizija, l-imputat dahhal il-‘gear’ fir-‘reverse’, habat go karozza, u baqa’ jipprova jahrab minn fuq il-post, minkejja l-stragi li ghamel, fis-sens illi habat ma’ diversi karozzi tal-Pulizija u kif ukoll dawk tal-privat.

Illi ghalhekk, it-tezi gratwita tad-Difiza illi l-hsarat kienu nvolontarji, fin-nuqqas ta’ ebda testimonianza bil-gurament, tibqa’ biss fir-relm tal-fantasija, u apparti dana kollu, mhi xejn verosimili.

Illi l-Prosekuzzjoni rnexxielhom jippruvaw il-quantum tad-danni subiti fuq il-karozzi tal-Pulizija, kif ukoll fuq dawk tal-privat. Il-Qorti rat u apprezzat illi l-Prosekuzzjoni ppruvat bla dubju dettat mir-raguni illi l-imputat irrezista l-arrest, u di piu’, illi nsulenta lill-Pulizija. In oltre, il-Qorti rat is-sentenzi esebiti dokumenti NC3-NC7, u l-verbal tad-Difiza a fol 102, li ezentat lill-Prosekuzzjoni mid-dover ta’ xhieda ta’ identifikazzjoni, waqt li l-imputat accetta s-sentenzi bhala mghoddija in gudikat fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti taghraf ukoll illi l-manjiera li biha l-imputat attenta li jiskappa minn taht idejn il-Pulizija, il-mod kif baqa’ diehel fid-diversi karozzi tal-Pulizija u dawk ta’ terzi

persuni, jikkostitwixxi sewqan b’manjiera perikoluza, kif mahsub fl-Artikolu 15 tal-Kap 65.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat Mario Zammit hati ta’ l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, b’assorbiment ghal fini ta’ piena ghar-rigward tas-sitt akkuza u tas-seba’ akkuza, u wara li rat l-Artikoli 18, 325(a), 96, 17(b)(c), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal tmintax-il xahar (18) prigunerija, li minnha jitnaqqas iz-zmien li fih l-imputat ghamel f’arrest preventiv. In oltre, tordna illi l-imputat ikun skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ sentejn mid-data ta’ din is-sentenza.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali rifrettarja ta’ l-imputat u l-fatt li rnexxielu jikkompleta program ta’ rijabilitazzjoni kontra d-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------